MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 114/2005

**Korporazzjoni Telemalta.**

**-vs-**

**Brian Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fit-2 ta’ Frar, 2005 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici esponiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Numru. 942/96NA) giet deciza minn din il-Qorti fid-29 ta’ Novembru, 1996, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta’ Lm471.09 (erbgha mija

wiehed u sebghin liri maltin u disgha centezmi), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 242554 li kien installat fil-fond numru 13/3, Steps Street, Valletta, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-Socjeta Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm151.78 (mija wiehed u hamsin liri maltin u tmienja u sebghin centezmi) spejjez u drittijiet Lm301.50 (tlett mija u wiehed liri maltin u hamsin centezmi), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm924.37 (disgha mija erbgha u ghoxrin liri maltin u sebgha u tletin centezmi), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici.

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

**Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedott fir-rikors bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------